REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/693

tas-26 ta' Frar 2025

dwar ir-rieżami tal-iskala għal missjonijiet minn uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 112(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 13 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkonsultat mar-rappreżentanti tal-persunal mill-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 13(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Eurostat ippreżenta rapport dwar l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-lukandi, tar-ristoranti u tas-servizzi tal-forniment tal-ikel.

(2) Dan ir-rapport juri li l-gratifiki għas-sussistenza għal kull jum u l-limiti massimi tal-lukandi jenħtieġ li jiġu rieżaminati sabiex titqies l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-lukandi, tar-ristoranti u tas-servizzi tal-forniment tal-ikel.

(3) Ir-rieżami tal-iskala tal-gratifika għas-sussistenza għal kull jum u l-limiti massimi tal-lukandi jinvolvi valutazzjoni ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi u/jew soċjali kumplessi.

(4) L-aħħar riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg tal-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea enfasizzat il-ħtieġa għal sforz partikolari minn kull amministrazzjoni pubblika u minn kull membru tal-persunal tagħha sabiex itejbu l-effiċjenza u jaġġustaw għat-tibdil fil-kuntest ekonomiku u soċjali fl-Ewropa.

(5) Wara l-Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2020, ir-rimborż lill-uffiċjali u aġenti oħrajn tan-nefqa marbuta ma' missjonijiet f'dan il-pajjiż jenħtieġ li ma jibqax suġġett għar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 13(2)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

(6) Għalhekk, l-Artikolu 13(2), il-punt (a), tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 13(2), il-punt (a), tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"(f'EUR)

Destinazzjoni	Limitu massimu fuq l-ispejjeż tal-lukandi	Allowance ta' kuljum
Il-Belġju	171	132
Il-Bulgarija	121	78
Iċ-Ċekja	149	98
Id-Danimarka	208	172
Il-Ġermanja	154	123
L-Estonja	118	125
L-Irlanda	191	144
Il-Greċja	134	108
Spanja	154	101
Franza	212	127
Il-Kroazja	132	99
L-Italja	178	116
Ċipru	145	103
Il-Latvja	128	110
Il-Litwanja	114	103
Il-Lussemburgu	178	142
L-Ungerija	135	93
Malta	166	109
In-Netherlands	190	137
L-Awstrija	158	131
Il-Polonja	126	95
Il-Portugall	121	95
Ir-Rumanija	109	88
Is-Slovenja	140	108
Is-Slovakkja	120	104
Il-Finlandja	170	155
L-Iżvezja	198	135"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN